# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 56/2015**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Josephine Dimech**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Josepine Dimech neé Chircop**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 379262(M)**,** akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fuq talba tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għan-nom u in rappreżentanza ta' Casa Vitalis Ltd (C 43729) u/jew bħala persuna reġistrata mad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u Regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att:

1. naqset li tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 8 ta' Marzu 2012 u mogħtija fil-konfront tagħha inkwantu li naqset kif ordnata fl-imsemmija sentenza li fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza, tikkonforma ruħha mal-liġi u fin-nuqqas teħel multa oħra ta' €15 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien, liema multa, bis-saħħa ta' Artikoli 4 u 6 tal-Att XIV tal-2013, għandha tiġi riveduta għal €5 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputata tiġi kkundannata tħallas il-multa msemmija fis-sentenza fuq riferita għall-perjodu li jibda mid-9 ta' Ġunju 2012 sat-30 ta' April 2014, liema multa kellha tiġi kkalkulata mill-ġdid kif imsemmi hawn fuq, salv kull multa għal nuqqas ulterjuri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Frar 2015, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u Att XIV tal-2013, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha multa ta' tlett elef u erba' mija u ħamsa u ħamsin Euro (€3,455), multa rappreżentanti l-perjodu mid-9 ta' Ġunju 2012 sat-30 ta' April 2014.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-16 ta' Frar 2015 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: "*tilqa' dan l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha mhux ħatja u tilliberaha skont il-liġi. Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Frar 2015.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti tressaq tliet aggravji. Qabel din il-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti hija tinnota li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun ġiet għall-konklużjoni tagħha loġikament u legalment. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma relattivament sempliċi b'dana illi fit-8 ta' Marzu 2012 l-appellanti ngħatat sentenza (Dok. "SP 5" – *a fol.* 21 *et seq.*) fejn hija nstabet ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ma kinitx bagħtet id-denunzji fiż-żmien u għalhekk ġiet kkundannata tħallas multa ta' seba' mitt Euro (€700). Barra din il-multa, fl-istess sentenza l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ordnat lill-appellanti allura imputata sabiex tottempera ruħha fi żmien tliet xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza u ċioè mit-8 ta' Marzu 2012 għax fin-nuqqas kienet ser teħel multa oħra ta' ħmistax il-Euro (€15.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.

Illi mix-xiehda mogħtija minn Marjes Galea (rappreżentanta tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) quddiem din il-Qorti kif preseduta ġie konfermat li l-appellanti ġiet in regola pero' dan ġara ferm wara li kienu għaddew it-tliet (3) xhur mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2012.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellanti tilmenta li r-riżultanzi proċesswali huma nieqsa mill-piż tal-prova rikjesta li twassal sal-grad taċ-ċertezza rikjesta fil-kamp penali u li minħabba f'hekk issostni li ma kellhiex tinstab ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u li b'hekk għandha tiġi liberata.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fil-11 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pisani** (Numru 224/2010) fejn din il-Qorti qalet hekk:

---

Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

> "Ingħad mill-bidu nett illi b'din il-kawża l-appellant mhuwiex qiegħed jiġi addebitat b'xi reat jew delitt ġdid, imma sempliċement esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn dawn il-Qrati wara illi l-appellant stess naqas li jaderixxi ruħu mal-ordnijiet ta' dik is-sentenza. <u>Kwindi l-kompitu' ta' l-Ewwel Qorti kien limitat biss għall-fatt li tara jekk huwiex minnu illi l-appellant naqas illi jottempra ruħu u f'każ affermattiv tikkalkola l-multa w ma kellhix għalfejn terġa' għal darb'oħra tidħol fil-meritu u tara jekk kienx ġustifikat jew le illi ma jottemprax ruħu mat-talbiet tal-Kummissarju tal-VAT</u>." [emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza appellata (ċioè dik mogħtija fil-5 ta' Frar 2015), l-Ewwel Qorti rrilevat li l-appellanti allura imputata ppreżentat id-denunzji ġurnata qabel (fl-4 ta' Frar 2015) u ċioè ferm wara t-terminu tat-tliet xhur mogħti minnha. Meħud dan in konsiderazzjoni u meħud dak li ngħad quddiem din il-Qorti kif preseduta jirriżulta li sewwa għamlet l-Ewwel Qorti li sabet ħtija fl-appellanti fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha. Konsegwentement l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellanti huwa li hija għandha tieħu ammonti kbar ta' flus mingħand entitajiet governattivi u li dan ikkawżawlha problemi serji sabiex tagħmel il-ħlasijiet rikjesti mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Illi minkejja li din il-Qorti tista', b'xi mod jew ieħor, tissimpatizza ma' l-appellanti fir-rigward ta' dak imsemmi minnha fl-aggravju in eżami, dejjem jekk dan huwa minnu, pero' frankament din il-Qorti ma tarax li dak imsemmi fl-aggravju in kwistjoni fih validita'. Lanqas ma wieħed jista' jgħid li tressqu xi provi f'dan ir-rigward. Għalhekk anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju l-appellanti titlob li f'każ li l-ewwel u t-tieni aggravju tagħha jiġu miċħuda, li din il-Qorti teroga piena aktar miti għaċ-ċirkostanzi tal-każ

Illi mill-verbal tas-seduta miżmuma fis-7 ta' April 2016 (*a fol.* 46 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta jirriżulta li fis-seduta msemmija l-appellanti ndikat li kien hemm żviluppi legali fejn skont hija kien hemm implikazzjonijiet kostituzzjonali meta *Vat Tax Payer* jiġi mmultat darbtejn fuq l-istess reat. Fis-seduta msemmija l-appellanti għamlet riferenza għal sentenza mogħtija fil-5 ta' April 2016 fl-ismijiet **Anthony P. Farrugia vs. L-Onorevoli Prim Ministru et** (Numru 8/2011).

Illi filwaqt li din il-Qorti qrat bir-reqqa l-konklużjonijiet marbuta mas-sentenza appena msemmija iżda hija tinnota li din is-sentenza ma ndirizzatx l-*proviso* ta' Artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti minn dan, dwar jekk il-multi nklużi fil-*proviso* ta' Artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jiksirx il-prinċipju tan-*ne bis in idem*, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel (Emanuel) Mifsud** (Numru 73/2016) fejn fuq l-iskorta ta' Artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti, fl-appell li jsir riferenza għalih, imponiet fuq l-appellant multa ta' elfejn u mitt Euro (€2,100). Fis-sentenza msemmija ġie mqajjem il-punt hawn fuq imsemmi u dwar dan il-punt, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-appellant fir-rikors tiegħu qed jilmenta mill-prinċipju tan-*ne bis in idem* u jikkontendi li l-appellant tressaq il-Qorti darbtejn akkużat bl-istess reat li seħħ fl-istess perijodu u għalhekk ġie kkundannat darbtejn għall-istess reat.
>
> Din il-Qorti esaminat iż-żewġ sentenzi u ċioè dik tas-6 ta' Diċembru 2012 esebita fl-atti *a fol.* 13 markata bħala dok. PS 5 mogħtija fil-konfront tal-appellant odjern u jirriżulta li kien ġie akkużat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 76 tal-Kap. 406 u ċioè li bħala persuna reġistrata mal-

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-Att tal-1998 naqas sal-ħmistax il-jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żmienijiet ta' taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur 6 denunzji flimkien mal-ħlas dovut fil-perijodu li ntemmu fil-31 ta' Ottubru 2008 sal-31 ta' Jannar 2010 u fuq ammissjoni tiegħu nstab ħati u ġie kkundannat multa ta' €700 u ordnat iħallas multa ta' €15 kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien ta' tlett xhur.

Fit-tieni sentenza u ċioè dik li ngħatat nhar l-4 ta' Frar 2016 li minnha sar l-appell odjern l-appellant ġie akkużat li naqas li jottempera ruħu mas-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2018 u ċioè li jippreżenta d-denunzji fiż-żmien mogħti lilu u għalhekk il-Prosekuzzjoni talbet lil dik il-Qorti tikkundannah iħallas il-penali dovuta u dan mill-perijodu tas-7 ta' Marzu 2013 sat-30 ta' April 2014. Fil-fatt huwa ġie kkundannat iħallas il-penali ta' €2100 konsistenti fil-penali ta' ħmistax il-Euro kuljum għal mija u erbgħin jum.

Kif inhu risaput, ir-regola tan-*ne bis in idem* kif espressa fl-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali hija aktar wiesa' minn kif formulata fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "reat kriminali" u japplika d-dottrina tan-*ne bis in idem* għal dak ir-"reat kriminali" partikolari li tiegħu dak li jkun ikun ġie misjub ħati jew illiberat u għal "reati kriminali" oħra kompriżi u involuti f'dak ir-reat kriminali partikolari[2], l-Artikolu 527 jitkellem dwar "l-istess fatt". L-Artikolu 527, infatti, jgħid hekk: *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra"* [...]. Hu appena neċessarju li jiġi osservat li għalkemm din id-dispożizzjoni titkellem dwar il-liberazzjoni ta' dak li

[2] *"…jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħet tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat…"*.

> jkun, u mhux ukoll dwar il-kundanna tiegħu, il-qrati tagħna dejjem interpretawha bħala li tinkludi wkoll il-każ fejn persuna tkun ġiet misjuba ħatja ta' l-istess fatt (ara **Il-Pulizija v. Anthony Vella et**[3]; **Il-Pulizija v. Adrian Cassar Galea**[4]).
>
> Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravji sollevati mill-appellant għandhom jiġu miċħuda u din il-Qorti għalhekk qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-multa inflitta."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu tinnota li ma għandha xejn x'iżżid miegħu. Għaldaqstant l-appellanti ma għandhiex raġun meta targumenta li nkiser il-prinċipju ta' *ne bis in idem* meta fil-5 ta' Frar 2015 l-Ewwel Qorti mponiet fuqha l-multa għax ma ottemperatx ruħha mas-sentenza oriġinali. Kull ma għamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Frar 2015 huwa li hija kkwantifikat il-multa b'riferenza għal dak li kien ġie deċiż fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2012.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fir-rigward tal-aggravju in eżami, dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Josephine Dimech u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

[3] "App. Krim., 19 ta' Frar 1999."
[4] "App. Krim., 20 ta' Novembru 2000."